MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 134/2003

**Sutton Motors Limited**

**Vs**

**SM Developments Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-konvenuti premettew illi huma debituri tal-atturi fl-ammont ta' hamest elef u erbghin lira Maltin (Lm50,040.00) ammont dovut ghal kiri ta' vettura; statement qed jigi anness bhala dok A; qed jigi ukoll anness il-kuntratt tal-kiri datat 17 ta' Dicembru 1998 Dok B.

Premess illi interpellati biex ihallsu dan id-debitu permezz ta' ittri ufficjali tas-17 ta' Settembru, 2002 u tat-22 ta'

Jannar, 2003 (dok CI u 2) il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu hu cert, likwidu u dovut u l-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni x'jaghtu ghal hlas tieghu kif jirrizulta mill-anness affidavit immarkat bhala dokument D ;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tghaddi sabiex tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u dan a tenur tal-Artikolu 167 u Artikoli sussegwenti tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Previa id-dispensa ta' kull dikjarazzjali ohra li talvolta tkun necessarja tordna u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont ta' hamest elef u erbghin Lira Maltin (Lm50,040.00) oltre imghaxijiet legali.

Bl-interessi legali kif fuq inghad sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-17 ta' Settembru, 2002 u 22 ta' Jannar 2003 u tal-mandat ta' sekwestru u ta' qbid prezentati kontestwalment.

Il-konvenuti ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 20 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi mhux minnu li l-eccipjenti ghandu jaghti l-ammont pretiz fic-citazzjoni.

2. Illi fil-konteggi taghha jidher li s-socjeta' attrici applikat rata mhux miftehma u ma haditx in konsiderazzjoni pagamenti u tpacija maghmula bi ftehim bejn il-partijiet.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-atturi ;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenuti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol 20.

Semghet ix-xhieda ta’ l-attur

Semghet l-Avukat ta’ l-attur

Ezaminat l-atti tal-kawza ;

Rat li l-konvenuti ma dehrux ;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghax kif mitluba.

--------------------------------TMIEM--------------------------------